# Il-Ħadd 19.01.2020

1. It-Tnejn 20/01:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

2. It-Tlieta 21/01:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

3. Il-Ħamis 23/01:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Immorru l-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat, fejn ikollna quddiesa fil-kappella ta' San Publiju, u wara nagħmlu żjara fil-Grotta ta' San Pawl u wkoll fil-Mużew Wignacourt. Nispiċċaw b'Coffee Morning f'ħanut fil-lokal stess.
     Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Il-Ġimgħa 24/01:
   - Fid-9:00am - Quddiesa fl-Iskola Primarja.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara fil-Pro-Katidral tal-Anglikani ddedikat lil San Pawl, il-Belt Valletta. L-omelija ser issir mill-E.T.Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

5. Is-Sibt 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   *Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.*
   Fil-Parroċċa taħgna:-
   - Fis-7:30am - Quddiesa.
   - Fil-5:30pm - Ir-Rużarju.
   - Fis-6:00pm - It-Talb ta' Filgħaxija (L-Għasar) li jintemm bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Dun Victor Scicluna,
     Kappillan tal-Parroċċa ta' San Girgor, Ta' Sliema,
     u ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1989-1995)
     Il-Quddiesa tkun animata mill-Kor '*Sine Macula'* u l-orkestra
     u fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u jsir il-bews tar-Relikwa.
   - Fit-8:00pm - Il-Banda San Pawl issellem l-istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier bl-innijiet prinċipali u xi marċi. *Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.*

6. Il-Ħadd 26/01: **It-Tielet Ħadd matul is-Sena u Ħadd il-Kelma ta' Alla**

7. t-Tnejn 27/01:
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa importanti għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

8. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li llum (19/01), xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 1,900 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr. Grazzi mill-qalb.